# Intietef Mostin

J.J. Camilleri B.A., M.A., A.I.E. (Lond.)

**Snin ilu**

1135 – Il-Biżantini telqu minn Malta wara ħakma ta' madwar 500 sena.
915- Ġew in-Normanni f'Malta.
600 – Bdew jitwaqqfu f'Malta l-fratellanzi, l-ewwel waħda dik ta' San Ġużepp fir-Rabat. 270 sena wara, l-Isqof Astirja ordna li dawn jitwaqqfu f'kull parroċċa. Ftit snin wara fil-Mosta kien hemm tas-Sagrament u tar-Rużarju.
475 – Ġew il-Kavallieri f'Malta. Il-Mosta baqgħet tagħmel mad-distrett ta' l-Imdina. Kien inħoloq distrett ieħor taħt it-tmexxija tal-Birgu.
445 – Iż-żwiġijiet bdew isiru quddiem il-kappillan jew qassis.
440 – Fil-Mosta saret taqtiegħa kbira kontra t-Torok.
435 – Il-parrinijiet fil-magħmudija kienu tlieta.
430 – Mons. Pietru Dusina żar il-knisja ta' l-Assunta fil-Mosta. Ir-rapport li għamel jagħti dettalji dwar il-knisja. Isemmi li fl-inħawi tal-Mosta kien hemm ħdax-il knisja, li għad li fil-Mosta kien hemm 116-il dar, kienet għadha tagħmel mal-parroċċa tan-Naxxar, iżda xorta jsejħilha 'parrokkjali', li l-knisja ddedikata lill-San Nikola ġiet profanata. Interessanti l-lapida li hemm fis-sagristija tar-Rotunda li tfakkar il-konsagrazzjoni tal-knisja l-qadima fl-1774, għax tgħid ukoll li "magħmula parroċċa minn Fr. D. Martino Royas fl-1575".
395 – Miet il-kappillan tan-Naxxar Dun Ġiljan Borg. Tista' tgħid li sa mewtu l-Mosta baqgħet magħquda man-Naxxar. Dik is-sena nħatar Dun Ġwann Bezzina bħala l-ewwel kappillan tal-Mosta.
390 – L-Isqof Baldassare Cagliares żar il-knisja ta' 'Wejda'. Il-knisja mibnija mill-ġdid minn Damjan Bonnici ħadet isem il-laqam li kellu 'Wejda'.
375 – Fil-Mosta l-aktar isem komuni għas-subien kien Domenico u Maria għall-bniet. Twieled il-pittur Stefano Erardi li għandu xogħolijiet fir-Rotunda – il-kwadri taċ-Ċintura, ta' Santu Rokku, il-Pietà, u erba' qaddisin li hemm fis-sagristija.
355 – Inbniet mill-ġdid il-kappella tal-Kunċizzjoni f'Għandar il-Blat li ħallas għaliha Bertu Busuttil.
330 – Feġġet il-pesta l-kbira li kienu mietu madwar 11,000 ruħ. Fil-Mosta mietu ma' l-20 ruħ li ndifnu fiċ-ċimiterju ta' Santa Margerita u ieħor f'tarf ir-raħal li baqa' magħruf bħala ċ-ċimiterju 'tal-pesta'. Dun {ianbattist Schembri spiċċa minn kappillan, u floku sar Dun Karl Schembri.
325 – Jingħad li l-familja Grognet telqet minn Franza u li 195 sena ilu Gorg Grognet kien qiegħed Ruma. L-Isqof Giacomo Molina żar il-parroċċa tal-Mosta.
295 – Bdiet tinbena l-knisja ta' l-Isperanza.
265 – L-Isqof Alpheran de Bussan żar il-parroċċa tal-Mosta.
245 – Saret quddiesa kantata fil-knisja ta' San Pawl Eremita għall-bżonnijiet tal-Granmastru Manwel Pinto li kif jingħad kien benefattur ta' din il-kappella.
240 – Rokku Buhagiar pitter il-kwadru 'Verġni tat-Tama' li hemm fil-knisja ta' l-Isperanza. Il-pittur miet 205 snin ilu.
200 – Fil-lista tal-Battaljun fi żmien l-Ingliżi kien hemm 125 Mosti fuq l-armi. Twieled Salvu Dimech 'is-Sartx', l-iskultur Mosti li għamel ħafna statwi, fosthom ta' l-Assunta l-qadima tal-Mosta.
190 – Bdiet tinħass il-ħtieġa fil-Mosta li tinbena knisja akbar. Tumas Chetcuti qabad il-kors tal-liġi, iżda wara ggradwa bħala tabib f'Napli.
180 – Twieled Carlo Darmanin li għamel l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Mosta.
175 – Tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja tal-Bidnija.
170 – Saret lotterija b'risq il-bini tal-knisja l-ġdida. L-ewwel premju kien tliet biċċiet art u tlitt idjar, it-tieni premju kien dar u t-tielet premju erba' biċċiet raba'.
155 – Twieled fil-Mosta Dun Wistin Azzopardi li kiteb l-innu 'A Beata Vergine Maria' mużikat minn Mro Antonio Miruzzi għall-Banda Nicolò Isouard.
150 – Kien hemm 24 skola primarja f'Malta u Għawdex, fosthom waħda fil-Mosta. L-ewwel Surmast kien Dun Tumas Chetcuti li kellu salarju ta' £35 fis-sena. L-ewwel Sinjora kienet

Marianna Borg b'salarju ta' £20 fis-sena.

145 – Tqaddset l-ewwel quddiesa fir-Rotunda minn Mons. Mikiel Anġ Mifsud. Salvu Barbara irrestawra l-kwadru ta' l-Assunta, jingħad li hu xogħol Baskal Buhagiar. Il-kittieb Annibale Preca spiċċa minn surmast ta' l-iskola tal-Mosta. Tlestiet ir-Rotunda u tbierket mill-Kappillan Dun Pawl Mallia. Jumejn wara żarha l-Isqof Gaetano Pace Forno. Damet tinbena 27 sena.

130 – Mastr' Anġ Gatt, il-bennej tar-Rotunda miet fl-età ta' 79 sena. E.B. Vella beda l-kors fl-Ingilterra għal surmast fl-iskejjel. It-Tabib Danjel Chetcuti kien iservi fil-berġa tal-Mosta u kellu £36 fis-sena.

120 – Il-Mostin nefqu £1000 għall-orgni tad-ditta Pacifico Inzoli – l-akbar wieħed f'dawn il-gżejjer. Twieled Wistin Camilleri li għamel il-Kristu mejjet u t-tmien anġli mall-Monument tal-{imgħa l-Kbira. Intemm il-bini tal-Fortizza tal-Mosta.

115 – Twieled is-Surmast tal-banda Ġanni Vella.

110 – Sar kappillan tal-Mosta Dun Ġwann Sarreo.

100 – Twaqqfet il-Banda Filarmonika Santa Marija. Il-Banda Santa Marija ħadet sehem fil-festa ta' San Pawl il-Baħar u fi programm fil-pjazza tal-Mosta. Sar il-ventartal tal-fidda ta' l-artal maġġur tar-Rotunda.

95 – Qamet kontroversja dwar il-pittura ta' bejn il-lunetti. Min ried anġli, min episodji mill-ħajja tal-Madonna, min mill-ħajja ta' Kristu. L-Isqof Pietru Pace idde'ieda dwar ta' l-aħħar u Giuseppe Calì beda x-xogħol.

85 – Ġ.M. Camilleri Borg inħatar surmast ta' l-iskola.

80 – Twaqqfet taħdem il-mitħna li għandha l-arma tal-Granmastru Gregorio Caraffa (1680-90).

75 – L-imgħallem Salvu Zahra beda x-xogħol tal-kwadretti fil-koppla. Tlestiet triq ġdida li ġiet mogħtija l-isem ta' 'Triq il-Kostituzzjoni'. L-ewwel darba li tim tal-futbol mill-Mosta beda jilgħab fl-MFA fir-Raba' Diviżjoni. Sar arċipriet Dun Girgor Borg. Fil-Mosta kien hemm 37 qassis. E.B. Vella kiteb Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha. Dun Pawl Mallia spiċċa minn arċipriet. Twieled Godfrey Wettinger, studjuż u profesur ta' l-Istorja, l-aktar dwar iż-Żminijiet tan-Nofs. Miet Ġużeppi Calì. L-ewwel Kungress fil-Mosta tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla.

65 – L-Isqof Mawru Caruana fetaħ l-Oratorju Qalb ta' Ġesù.

60 – Twaqqfet il-fergħa ta' l-irġiel ta' l-Azzjoni Kattolika, u l-MUSEUM.

55 – Miet l-Arċipriet Dun Karm Sciberras. Il-Bidnija bdiet tagħmel mal-parroċċa tal-Mosta. Il-votanti fil-Mosta kienu 3,725. Id-Domma ta' l-Assunzjoni. Miet b'inċident Ġużeppi Borg (il-Mutu) fl-età ta' 36 sena, Kellu talent kbir bħala pittur. Kien ġie refuġjat fil-Mosta. Kien ġie elett fil-parlament l-avukat mill-Mosta Carmelo Schembri li wara sar prim imħallef. Ġużeppi Fenech għamel l-ewwel presepju mekkanizzat tax-xorta tiegħu fi Triq Ponsonby. Is-surmast ta' l-iskola Pacifico Sammut irtira, kien ilu 16-il sena fl-iskola tal-Mosta, irtirat ukoll Carmela Sammut wara 29 sena.

50 – Miet is-surmast tal-banda Ġanni Vella.

45 – Beda jsir id-damask fir-Rotunda. Beda x-xogħol fuq il-koppla. Saret kisja fuq barra b'qoxra tar-ramm aħmar biex ma jidħolx ilma tax-xita. Swiet £6,000. Saret akkademja fir-Rotunda taħt il-presidenza tal-Kardinal Ġermaniż Aloisius Muench. Tfakkret id-900 sena mill-miġja ta' San Pawl f'Malta. Ma baqgħux isiru fieri bħala attività biex jinġabru fondi kif kienet id-drawwa. F'Ta' Qali saret l-aħħar wirja fl-ajru ta' ajruplani militari. L-Arċipriet tal-Mosta Dun Pawl Galea inħatar kanonku tal-Katidral. Floku nħatar Dun Bartolomeo Bezzina.

40 – Il-popolazzjoni tal-Mosta kienet 7334.

35 – Miet Walter Salamone li għamel żmien Ministru ta' l-Agrikoltura u Pulizija mal-Partit Kostitutuzjonali. Fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira sar pageant għall-ewwel darba. Beda jsir il-quddies fuq artal-mejda.

30 – Saru festi fil-Mosta ta' l-Inkurunazzjoni. Il-Kardinal Corrado Ursi ħa sehem fil-purċissjoni ta' Santa Marija. Maurice Cordina rrestawra l-kwadru titulari ta' l-Assunta. Il-Housing Estate f'Ta' Mlit inbeda. Il-popolazzjoni kienet 8,022.

25 - Żar ir-Rotunda l-Kardinal Egidio Vagnozzi. Il-Mosta rigward il-popolazzjoni kienet tiġi fl-14-il post f'Malta. Illum qiegħda fit-tieni post.

10 – Miet Salvu Gatt li kien direttur ta' l-edukazzjoni.

5 – Inawgurat il-Monument f'Ġieħ Il-Missjunarji Maltin.